KLR 39/V/2008

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa l-1 ta' Ottubru 2008 fid-9.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI:-Is-Sindku Robert Tabone, il-Viċi Sindku Victor Galea Pace, il-membri Joseph Debrincat, Josef Schembri, Marcel Tabone u Michel Butiġieġ u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATA:- Il-membru Josephine Cassar.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li fil-parti li nqassmet minħabba d-diżlivell ta' l-egħlieqi fi Triq iċ-Ċangar, ingħata materjal apposta li jespandi skond il-moviment tat-triq.

1.2 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jieħu f'idejh l-amministrazzjoni tal-ħwienet li hemm taħt il-loġġoġ fi Pjazza San Ġorġ. Il-membri qablu mas-suġġeriment.

1.3 Josef Schembri ġibed l-attenzjoni rigward parkeġġ ta' *un/loading* li nżebaħ quddiem il-ħanut ta' Mizzi fi Triq Repubblika. Il-Kunsill għandu jivverifika ma' l-Awtorita' Dwar it-Trasport (ADT) jekk dan għandux permess.

1.4 Il-Kunsill għandu jirrapporta biex terġa' tinżebaħ iż-żebgħa sewda fuq żewġ parkeġġi li kienu riservati għall-persuni b'diżabilita' fi Triq Repubblika. Dawn ilhom żmien mhux validi.

1.5 Il-membri qablu li t-tarmac li hemm bżonn li jisr fil-H. E. Taċ-Ċawla jsir minn Nicky Saliba li hu l-kuntrattur li ħa l-offerta tal-Kunsill għal din *l-area*.

1.6 Dwar il-bozza li għanda tiġi spostjata fi Triq San Duminku, il-Kunsillier Debrincat qal li din trid teħel mad-dar numru 7. Il-Kunsill għandu jġib il-permess ta' sid id-dar.

## 2. Pjazza San Ġorġ

Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet lill-membri li nħareġ il-permess tal-Mepa u tħallsu €10,000 bħala garanzija bankarja għall-monitoraġġ arkeoloġiku tal-MEPA. John Grima li hu l-konsulent artistiku tal-Kunsill rigward dan il-proġett, ġie mistieden jidħol fil-kamra. Infetħu l-erba' proposti tal-kuntratturi li xeħtu l-offerta. Dawn huma Coralline Limestone Ltd., A.F.Ellis (Marble Works) Ltd., Joe Grima u A.F. Ellis (Home Decor) Ltd. Dawn ġew evalwati. Il-materjal l-aktar li ntogħoġob kien granit ċar offrut minn A.F. Ellis (Marble Works) Ltd.

Ġie mistieden jidħol fil-kamra Edward Scerri, il-Perit tal-Kunsill. Fil-korrispondenza tiegħu rigward Lot 1 ta' l-offerti li hi t-tqegħid tal-materjal, l-orħos prezz offrut hu ta' Joe Grima li hu ta' Lm61,304.79. Dan jinkludi l-prezz jekk tinqala' Triq San Ġużepp u jsiru l-*water culverts* ikkomunikati mal-*culverts* ġodda ta' Triq ir-Repubblika. Il-membri qablu fuq il-parir tal-Perit rigward il-*quality assurance*. Permezz ta' din l-assikurazzjoni il-Kunsill ikollu persuni nkarigati li jivverifikaw l-kwalita' tal-materjal sabiex jekk jinstab xi difett jitniżżel għas-spejjes tal-kuntrattur. Jekk jirriżulta xi difett wara xi snin, permezz ta' din l-assikurazzjoni il-Kunsill ikun kopert biex ikun jista' jżomm il-kuntrattur responsabbli.

Fuq parir tal-Perit, il-Kunsill għandu jistaqsi lill-A.F.Ellis (Marble Works) Ltd. sabiex (i) jipprovdi kampjun tal-granit ċar bil-qisien ta' 14 –il pulzier b' 24 pulzier u b' 4 pulzieri ħxuna; (ii) kemm il-ġurnata jdum biex jasal il-metrjal minn meta jordnaħ il-Kunsill; (iii)jipprovdi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-materjal u (iv) għall-liema prezz qed jirreferi mill-offerta tiegħu. Kemm John Grima u l-Perit ħallew il-kamra.

Il-Kunsillier Debrincat talab dettalji rigward il-finanzjament ta' dan il-proġett. Is-Sindku ressaq korispondenza li kellu mal-Prim Ministru rigward dan il-proġett. Il-Prim Minsitru jaqbel ma dan il-proġett u ser jgħin lill-Kunsill sabiex jakkwista finanzjament mill-MEPA permezz tal-fond EIPP. Is-Sindku ressaq korrispondenza oħra relatata mas-suġġett li turi li qed isir ix-xogħol neċessarju sabiex jiġu akwistati fondi speċifiċi għal dan il-proġett. Jekk dan ma jiġix aċċettat il-Kunsill ikollu jieħu self mill-bank hekk kif ġie maqbul fil-laqgħa KLR 37 tat-30 ta' Lulju 2008. Il-membri unanimament qablu li jekk ma jiġix approvat li jiġu allokati fondi mill-MEPA u l-Kunsill ikollu jieħu self bankarju, imbgħad tinħareġ stqarrija pubblika. Il-Kunsill jifhem li proġett bħal dan għandu jsir b'għajnuna mill-Gvern Ċentrali. Is-Seg. Eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill kien qabel ukoll li jżomm mal-prioritajiet tax-xogħolijiet li għandhom isiru kif ġie deċiż fil-laqgħa imsemmija hawn fuq. Dan minħabba l-limitazzjoni finanzjarja. Il-membri qablu ma dan.

Dwar id-disinn tad-dawl għal din il-Pjazza il-membri qablu li GaleaCurmi Eng. Consultant Ltd. għandhom jieħdu ħsieb dan ix-xogħol. Dawn huma l-kuntratturi tad-dawl għall-Kunsilli Lokali Għawdxin u li magħhom il-Kunsill diġa għandu kuntratt ta' xogħol.

## 3. Riforma tal-Kunsilli Lokali

Nhar il-Ġimgħa 3 t' Ottubru 2008 fis-7.30 ta' filgħaxija il-pubbliku Rabti hu nfurmat li ser issir laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-proposti għar-riforma tal-Kunsilli Lokali. Ser ikun hawn preżenti l-Onor. Dr. Chris Said.

Is-Sindku beda billi rringrazja lill-Viċi Sindku u lill-mara tiegħu, Vivienne Galea Pace, li huma eks-Sindki u kienu l-aktar li wrew interess fil-laqgħat sabiex il-Kunsill seta jħejji l-porposti tiegħu.

Proposti oħra li għandhom jitressqu huma li ċ-ċimiterju ta' Santa Marija jiżdied fil-konfini tar-Rabat u mhux max-Xewkija kif jinsab fil-preżenti. Parti oħra li għanda tkun imniżżla fil-konfini tar-Rabat hi parti minn Triq Wied Sara fejn hemm persuni li joqgħodu qrib l-Għasri li jivvutaw mar-Rabat u oħra li joqgħdou aktar qrib ir-Rabat li jivvutaw ma' l-Għasri. Propsota oħra hi li Sindku m'għandux jagħmel aktar minn żewġ leġislaturi fil-kariga ta' Sindku.

## 4. *Traffic Management* fir-Rabat

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-ADT f'Malta għamlet studji dwar it-*traffic management* fir-Rabat. Hu talab lis-Sur Louis Buħaġiar sabiex jgħaddi kopja ta' dawn l-istudji lill-Kunsill. Dan ta' l-aħħar ser jitlob il-permess tas-CEO ta' l-ADT sabiex ikun jista' jgħaddihom lill-Kunsill. Waqt laqgħa ma l-ADT is-Sindku ġibed l-attenzjoni ta' l-ADT dwar it-*traffic lights* għall-Triq Fortunato Mizzi kantuniera ma Triq Viani u ta' dawn ta' Taħt Putirjal ma' Pjazza San Franġisk.

## 5. Fiera f'Nichelino u Ġemellaġġ

Wara li membri mill-Kunsill attendew il-fiera ta' l-artiġjanat f'Nichelino il-membri qablu li l-Kunsill jieħu delegazzjoni ta' residenti nteressati f'dan il-post sabiex jiġi ffirmat il-ġemellaġġ. Dan ser ikun bejn is-6 u l-10 ta' Frar 2009. Diġa' saret laqgħa ma għaqdiet Rabtin mhux governattivi sabiex jiġi ffurmat kumitat fejn ikun jista' jakkwista fondi mill-Unjoni Ewropeja għal dan il-ġemellaġġ.

## 6. Attivita' ta' l-Aħħar tas-Sena

Il-membri ġew mgħarrfa li għall-attivita' li ssir kull sena fl-lejliet l-ewwel tas-sena hemm €9,000 ikkonfemrati mill-Good Causes Fund, €3,500 mill-Coca Cola u €5,500 mingħand Charles Grech Co. Ltd. Hu tenna li qed jistenna risposta minn naħħa ta' l-HSBC u l-MTA. Il-membri qablu li l-programm ta' din l-attivita' jiġi konkluż wara li l-Kunsill ikollu aktar reklami miġbura.

**7. Korrispondenza**

Is-Seg. Eżekuttiva resqet din il-korrispondenza mingħand:-

7.1 id-Direttur Gvern Lokali fejn :-
(i) il-Kunsill ġie mgħarraf li l-iskema tal-Parkeġġ Ikkontrollat reġgħet ġiet fis-seħħ;
(ii) ġiet iċċarata l-problema ta' Joseph Curmi li hu ħaddiem ta' l-IPSL mal-Kunsill tar-Rabat;

7.2 Tonio Fenech, Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, fejn għarraf lill-Kunsill li intbgħat il-pagament ta' €12,000 minn National Lotteries Good Causes Fund. Dan hu reklam li ġab is-Sindku rigward l-attivita' ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena 2007 u tal-Kunċert ta' l-Ewwel tas-Sena;

7.3 l-Assistent Direttur għal Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li ser tiġi mnedija *website* għall-Kunsill Lokali. Il-membri qablu li jintbgaħtu d-detttalji tagħhom għal din il-*website*;

7.4 l-ADT dwar:-
(i) talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' Gertrude Portelli, 67, Triq ta' Wara s-Sur. Ma nħariġx il-permess peress li hemm garaxx viċin tar-residenza;
(ii) il-ħruġ ta' permess għal parkeġġ riservat għall-persini b'diżabilita' ta' Maria Ellis, 78, Triq Palma. Il-permess inħareġ għal sena;
(iii) talba ta' parkeġġ għall-*un/loading* tal-ħanut *Sunrise*, Triq Dawwara. Il-permess ma nħariġx peress li l-ħanut ma jaqax taħt il-linji gwida ta' l-Awtorita';
(iv) il-ħruġ tal-permess għall-parkeġġ għall-*un/loading* quddiem *The Curtain Shop* u quddiem *Gozo Arts Centre* fi Triq Ġorġ Borġ Olivier;
(v) fejn inħareġ il-permess sabiex jinżebaħ double yellow line quddiem id-dar 61, Triq Alfons Maria Ħili. Dan kien intalab peress li quddiem id-dar m'hemmx bankina u l-vetturi jipparkjaw eżatt mal-bieb b'tali mod li r-residenti ma jkunux jistgħu joħorġu mid-dar;

7.5 id-Dipartiment rigward Memo 25/2008 li turi l-*policy* ġdida dwar siti miftuħa;

7.6 Mons. Ġivanni B. Gauci , l-Arċidjaknu tal-Kapitlu tal-Katidral fejn feraħ lill-Kunsill talli ser jagħmel il-proġett ta' Pjazza San Ġorġ. Hu talab sabiex il-Kunsill iressaq il-problemi ta' Pjazza Katidral u l-parkeġġ tal-Katidral lill-entitajiet Pubbliċi. Bħalissa qed jitlesta l-istudju mitlub mill-MEPA dwar it-terran ta' dan il-parkeġġ. Dan jista' jkun ta' utilita' lill-Gvern peress li nieda l-*Masterplan* għaċ-Ċittadella;

7.7 il-Gozo Agricultural, Industrial & Cultural Society, fejn il-Kunsill ġie rringrazjat ta' l-għajnuna loġisitka li offra sabiex ġiet organiżżata l-Wirja tal-Biedja u Snajja' 2008;

7.8 l-S.K.Victoria Wanderers fejn skużaw ruħom talli ħallew il-ħmieġ wara l-ikla li ġiet organiżżata fi Pjazza Indipendenza nhar is-Sibt 23 ta' Awwissu 2008;

7.9 Jason Xerri li għandu garaxx fejn jaħdem l-għamara f'Melton Court fi Triq taċ-Ċawla. Dan talab sabiex isir *double yellow line* quddiem il-garaxx peress li jipparkajw quddiemu u ma jkunx jista' jidħol jgħabbi l-għamara. Din it-talba ser titressaq lill-ADT;

7.10 Downtown ta' Triq l-Ewropa fejn talbu sabiex quddiem l-entratura ma jsirx parkeġġ biex ir-residenti tal-lukanda jkunu jistgħu idaħħlu l-bagalji u ma jkunx hemm parkeġġ quddiem ir-rampa minn fejn jgħaddu l-*wheel chairs*. Ser jintalab il-permess ta' l-ADT;

7.11 l-uffiċċju tal-Kura ta' l-Anzjani fejn il-Kunsill ġie mgħarraf bil-kors tal-U3E f'Għawdex 2008-2009;

7.12 is-Segretarju Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn intbgħat kopja tal-ftehim mal-MEPA dwar il-Green Wardens;

7.13 Michael Xuereb li bgħat kopja ta' korrispondenza li hu kiteb lill-MEPA rigward PA379/08 li hi applikazzjoni tad-Direttur Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Minsteru għal Għawdex biex isir *multi-storeycar park* u l-Qorti t'Għawdex fi Triq Ġorġ Borġ Olivier fejn hemm il-parkeġġ iż-żgħir. F'din il-korrispondenza, is-Sur Xuereb ressaq l-ilmenti tiegħu għal din l-applikazzjoni;

7.14 il-GO fejn il-membri qablu li jiġi ffirmat il-ftehim ma' din il-kumpanija tat-telefon li qed toffri sussidju fuq linja tat-telefon lill-Kunsilli Lokali;

7.15 l-Uffiċċjal Awtoriżżat tal-Gwardjani Lokali fejn bgħat dettalji rigward id-dħul li l-Kunsilli Lokali għamlu mill-gwardjani lokali u l-pagamenti pendenti tat-tribunal. Dan sat-30 ta' Ġunju 2008;

7.16 id-Direttur ta' l-Oratorju Don Bosco dwar il-pagament tal-Kunsill għat-tiżjijn tal-Milied 2007. Il-membri qablu li jitħallas €116 li s-soltu jitħallas għall-konsum tad-dawl. Dawn addizjonali ma €291 li l-Kunsill kien diġa għadda lill-istess Oratorju għall-istess għan;

7.17 l-Avukat tal-Kunsill, Dr. Georgine Grech, rigward il-proposta għall-*bye-law* li tiprojbixxi l-użu ta' tfaqqiegħ kontra l-għasafar biex ma jmissux id-dwieli. L-Avukat issuġġeriet li l-Kunsill jgħaddi din il-*bye-law* abbażi ta'Artiklu 34(1) ta' l-Att dwar il-Kunsill Lokali li fih jingħad li Kunsill jista' jgħaddi *bye-law*s biex jitnaqqsu l-inkonvenjenzi fil-lokalita'. Il-membri qablu li jinbeda l-proċess.

## 8. Materji oħra

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

8.1 kiteb ittra lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, is-Sinjura Dolores Cristina fejn talab għajnuna ta' €1,000 biex issir l-attivita' tar-*re-enactment* tal-Franċiżi fil-31 ta' Ottubru u l-1 ta' Novembru 2008;

8.2 min hu nteressat mill-membri tal-Kunsill jista' jattendi seminar f'Valancia fi Spanja rigward *youth policies.*

8.3 Il-Kunsillier Buttiġieġ ġibed l-attenzjoni sabiex il-Kunsill jibgħat ittra ta' kjarifika lis-Soċjeta' Filarmonika Leone li l-kawża li kien hemm kontrih li ġrat fl-14 ta' Awwissu 2007 inqatet mill-Qorti t'Għawdex u hu ma nstabx ħati.

8.4 Il-membri qablu li l-garanzija ta' €300 li tpoġġiet minħabba l-indafa ta' wara t-tiġrija taż-żwiemel li ġiet organiżżata is-Sibt 13 ta' Settembru 2008 għandha tingħta lura. Dan peress li wara l-attivita' ma tħalliex ħmieġ.

8.5 Is-Seg. Eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni li qed jitresqu lmenti rigward permessi li jinħarġu temporanjament għall-Żona A lil-persuni li jikru *flats* fir-Rabat. Dan minħabba l-fatt li jokkupaw parkeġġi ta' dik it-triq fejn ikun il-*flat*. Il-membri qablu li jibqgħu jinħarġu dawn il-permessi peress li l-maġġoranza tal-flattijiet jinkrew matul il-*weekends*.

8.6 Fuq suġġeriment tar-residenti il-membri qablu li jinġab il-permess ta' l-ADT sabiex issir *Bus Stop* ġdida fi Triq Santa Dminka bejn Triq Ċetta Mintoff u Triq Manuel Dimech.

8.7 Il-membri qablu jistiednu fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali lill-parteċipanti tal-Classique Foundation. Dan wara li ssir l-attivita' tas-Sibt 8 ta' Novembru 2008. Il-bibita li ssir m'għandiex taqbeż is-somma ta' €280.

8.8 Inġabet stima ta' CCTV cameras li jkunu finta. Dawn mingħand DDStores u jiswew €95.60 il-waħda. Il-membri rawhom għoljijn u ma qablux li jinxtraw minn dan it-tip.

Il-laqgħa ntemmet fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn 27 ta' Ottubru 2008.

Robert Tabone<br>Sindku

Miriam Attard<br>Seg. Eżekuttiv